MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 2258/1998/2

**REGISTRATUR TAL-QRATI SUPERJURI**

**vs**

**JOHN AGIUS u PAUL AGIUS**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess:

PERESS li b'rapport tas-16 ta' Lulju 1997 il-Marixxall Albert Scicluna gieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti li meta fis-17 ta' Gunju 1997 huwa mar biex jesegwixxi il-mandat ta' Qbid numru 2987/97 fl-ismijiet "Ronald Grech - vs - Paul Agius'', billi jeleva l-Van Transit Numru C8259 li kien quddiem il-fond numru 15, Triq Clarence, Rahal Gdid,

huwa sab lill-konvenut John Agius li wara hafna hin ta lil imsemmi Marixxall ic-cavetta ta' l-imsemmi van u li taghha l-istess Marixxall halla ricevuta, pero' sakemm gieb konsenjatarju huwa ma sabx aktar il-van, dokument ''X1''.

PERESS li b' digriet tas-16 ta' Lulju 1997, din il-Qorti ordnat lil l-attrici sabiex tiehu passi ulterjuri ghal disprezz ta' l-awtorita' tal-qorti, dokument "X2";

PERESS li ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

JGHIDU il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) issibhom hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Telet ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12); u

(2) tikkundannahom ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

BL-ISPEJJES kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta skorta jew ta' arrest.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Fatti**

Kien inhareg mandat ta' qbid kontra l-konvenut Paul Agius (ara fol 6 et seq). Il-Marixxal kien mar biex jesegwixxi l-mandat u jeleva Van Transit bin-numru C8259 propjeta' ta' Paul Agius li kien ipparkjat quddiem il-fond Nru. 15 fi Triq Clarence, Rahal Gdid. Fir-rapport ufficcjali tieghu l-Marixxal kiteb li meta mar fuq il-post sab lil John Agius, iben il-propjetarju, u fehmu li kellu jeleva l-

Van Transit. Wara hafna riluttanza dan John Agius ghaddhielu c-cavetta u l-Marixxal hallilu ricevuta taghha. Billi ma ngabx konsenjatarju dak il-hin, il-Marixxal mar ghall-konsenjatarju hu stess u wara tlett kwarti jew siegha rega' mar lura biex jeleva l-Van Transit izda meta wasal sab illi l-van Transit ma kienx baqa' fuq il-post u kien tnehha minn fejn kien. Il-Marixxal rega habbat fuq il-post fejn kien kellem lil John Agius izda l-post sabu maghluq.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-Registratur tal-Qorti beda dawn il-proceduri ghal disprezz ta' l-Awtorita' tal-Qorti wara li gie ordnat jaghmel hekk minn din il-Qorti, diversament ippreseduta, skond digriet tas-16 ta' Lulju 1997 u dan a tenur ta' l-art. 1003A.

L-artikolu 1003A tal-Kap.12 jiddisponi li "F'kull procediment ghad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur". Din il-ligi tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab hati li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F'dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, ta' l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali**" (Catherine Portelli v. Joseph Cachia et noe A.K. 28 ta' Jannar 1991).**

Skond L-artikolu 279 tal-Kap 12 "Hadd ma jista' jaghmel opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta' mandat hlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni"

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuti naqqsu milli jobdu l-Ordni tal-Qorti billi ostakolaw lill Marixall fl-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid meta huma caqilqu minn postha l-vettura li hu kien qabad bil-mandat b'mod li l-

konsenjatarju ma setghax jiehu l-vettura taht idejh kif kien gie imqabbad li jaghmel mill-Marixall. “L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jesigu illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu puniti l-infrazzjonijiet ta’ dawk l-ordnijiet” (**Vol. XXIX PII p. 1023**).

Il-konvenuti impedew lil Marixxal milli jaqdi dmiru, dan ghax meta Paul Agius sar jaf illi il-Van Transit kien inqabad taht l-awtorita’ tal-Qorti hu xorta wahda caqlaq jew ippermetta illi dan il-Van ma jibqax fil-post fejn kien hallieh il-Marixxal.

“Kull att li jimpedixxi b’xi mod lill-Marixxall Ezekutant li jesegwixxi l-ordni moghtija lilu mill-Qorti, u kull forma ta’ ostakolu f’dan is-sens iservi ta’ opposizzjoni ta’ l-istess ordni u ghalhekk titqies disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti” (**Registratur tal-Qrati Superjuri v. Anthony Gauci, Prim’Awla, 11 ta’ Lulju 2001).**

Jigi finalment rilevat li jirrizulta mill-provi prodotti li jidher li l-mertu ta’ mandat ta’ qbid illum gie ezawrit fis-sens li l-kreditur thallas fil-maggjor parti tas-somma li kien qed jitlob permezz ta’ esekuttivi ohra. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm xi mitigazzjoni fil-piena.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talbiet ta’ attur
U tikkundanna lill konvenuti solidalment ihallsu s-somma ta’ Lm100 Multa.
Spejjez ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------